VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 19,474, 15 ta' Settembru, 2015
Taqsima B

A.L. 296 tal-2015

ATT DWAR L-AMBJENT U L-IPPJANAR TAL-IŻVILUPP (KAP. 504)

Regolamenti tal-2015 li Jemendaw ir-Regolamenti dwar Maniġġar ta' Skart (Batteriji u Akkumulaturi)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikoli 61 u 62 tal-Att dwar l-Ambjent u l-Ippjanar tal-Iżvilupp, il-Ministru għall-Iżvilupp Sostenibbli, l-Ambjent u Tibdil fil-Klima, wara konsultazzjoni mal-Awtorità Maltija għall-Ambjent u l-Ippjanar, għamel ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti huwa r-Regolamenti tal-2015 li Jemendaw ir-Regolamenti dwar Maniġġar ta' Skart (Batteriji u Akkumulaturi), u dawn ir-regolamenti għandhom jinqraw u jiftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti dwar Maniġġar ta' Skart (Batteriji u Akkumulaturi), hawn iżjed 'il quddiem imsejħa "ir-regolamenti prinċipali". L.S. 504.91

(2) Dawn ir-regolamenti għandhom jitqiesu li daħlu fis-seħħ fit-30 ta' Ġunju, 2015.

Jemenda r-regolament 5 tar-regolamenti prinċipali.

2. Minflok il-paragrafu (d) tas-subregolament (2)) tar-regolament 5 tar-regolamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"(d) jistgħu jitmexxew flimkien mas-sistema tal-ġbir msemmija fir-Regolamenti dwar l-Imanniġjar tal-Iskart (Apparat Elettriku u Elettroniku);". L.S. 504.75

Iħassar ir-regolament 8 tar-regolamenti prinċipali.

3. Ir-regolament 8 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi mħassar.

Jemenda regolament 13 tar-regolamenti prinċipali.

4. Fil-paragrafu (b) tas-subregolament (1) tar-regolament 13 tar-regolamenti prinċipali, minflok il-kliem "skont ir-regolament 5(3) u (4):" għandhom jidħlu l-kliem "skont ir-regolament 5(3) u (4). Kwalunkwe abbozz ta' miżuri ta' eżenzjoni jsir pubbliku:".

Jemenda r-regolament 17 tar-regolamenti prinċipali.

5. Ir-regolament 17 tar-regolament prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) minflok is-subregolament (1) tiegħu għandu jidħol dan li ġej:

VERŻJONI ELETTRONIKA

"(1) Meta produtturi jqiegħdu batteriji u akkumulaturi fis-suq għall-ewwel darba f'Malta, għandhom japplikaw mal-awtorità kompetenti għar-reġistrazzjoni u mar-reġistrazzjoni għandhom jingħataw numru tar-reġistrazzjoni.";

(b) is-subregolamenti (2), (3), (4) u (5) tiegħu għandhom jiġu enumerati mill-ġdid bħala s-subregolamenti (3), (4), (5) u (6), rispettivament;

(ċ) minnufih wara s-subregolament (1) tiegħu għandu jiżdied dan li ġej:

"(2) Produtturi reġistrati skont is-subregolament (1) għandhom iġeddu ir-reġistrazzjoni tagħhom mal-awtorità kompetenti, fuq bażi annwali, sal-31 ta' Marzu ta' kull sena:

Iżda mill-1 ta' April ta' kull sena l-awtorità kompetenti taċċetta tiġdid sal-aħħar tas-sena bi ħlas addizzjonali ta' għoxrin euro (€20) għal kull xahar jew parti minn xahar, miżjuda mat-tarriffa/i preskritta/i fl-Iskeda 6.";

(d) is-subregolament (3) tiegħu, kif enumerat mill-ġdid, għandu jioġi sostitwit b'dan li ġej:

"(3) Meta produttur ma jibqax iqiegħed batteriji u akkumulaturi fis-suq, il-produttur għandu jħassar ir-reġistrazzjoni tiegħu billi jinforma l-awtorità kompetenti fi żmien għoxrin ġurnata tax-xogħol minn meta jieqaf jagħmel dan.";

(e) is-subregolament (4) tiegħu, kif enumerat mill-ġdid, għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"(4) Applikazzjoni minn produttur sabiex jirreġistra jew iġġedded għandha -

(a) ssir onlajn jew bil-miktub;

(b) jkollha minn tal-inqas l-informazzjoni mitluba fl-Iskeda 4; u

(ċ) tkun akkumpanjata b'tariffa kif preskritt fl-Iskeda 6"; u

(f) minnufih wara s-subregolament (6) tiegħu, kif

VERŻJONI ELETTRONIKA

enumerat mill-ġdid, għandu jiżdied dan li ġej:

"(7) Fil-każ li d-*data* ppreżentata mill-produttur skont l-Iskeda 4 tinbidel, il-produttur imsemmi għandu jinforma l-awtorità kompetenti f'mhux iktar tard minn xhar wara l-bidla.".

Jemenda regolament 18 tar-regolamenti prinċipali.

6. Ir-regolament 18 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emenadat kif ġej:

(a) is-subregolament (1) tiegħu għandu jiġi mħassar;

(b) is-subregolament (2) tiegħu għandu jiġi enummerat mill-ġdid bħal s-subregolament (1) u għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"(1) Meta jsir it-tiġdid skont ir-regolament 17(2), produtturi reġistrati għandhom jagħtu l-informazzjoni li ġejja lill-awtorità kompetenti:

(a) il-kategoriji ta' batteriji jew akkumulaturi li l-produttur reġistrat ikun qiegħed fis-suq f'Malta bejn l-1 ta' Jannar u l-31 ta' Diċembru tas-sena preċedenti, u

(b) til-kwantitajiet u l-piż tal-batteriji u tal-akkumultaturi li l-produttur reġistrat ikun qiegħed fis-suq f'Malta bejn l-1 ta' Jannar u l-31 ta' Diċembru tas-sena preċedenti.";

(ċ) is-subregolament (3) tiegħu għandu jiġi enumerat mill ġdid bħala s-subregulation (2) u għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"(2) L-informazzjoni msemmija fis-subregolament (1) għandha tkun provduta onlajn jew bil-miktub."; u

(d) is-subregolamenti (4), (5) u (6) tiegħu għandhom jiġu enumerati mill-ġdid bħala s-subregolamenti (3), (4) u (5) rispettivament, u minnufih wara s-subregolament (5), kif enumerat mill-ġdid, għandu jiżdied dan li ġej:

"(6) Produttur awto-konformi għandu juża s-servizzi ta' awditur indipendenti, approvat mill-awtorità kompetenti, biex jiċċertifika li l-informazzjoni kollha rappurtata lill-awtorità kompetenti hija konformi mal-obbligi ta' dawn ir-regolamenti. Il-produttur awto-

VERŻJONI ELETTRONIKA

konformi għandu jiżgura li titwaqqaf proċedura ta' awditjar xierqa għat-traċċabilità, monitoraġġ u kontroll għall-iskart kollu ta' batteriji u akkumulaturi.".

Jemenda r-regolament 22 tar-regolamenti prinċipali.

7. Minflok is-subregolament (1) tar-regolament 22 tar-regolamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"(1) Mingħajr preġudizzju għar-Regolamenti dwar l-Iskart, persuni li biħsiebhom joperaw skema ta' ġbir, trattament u riċiklaġġ ta' skart ta' batteriji u akkumulaturi kif meħtieġ skont dawn ir-regolamenti, inkluż il-ġbir, għażla, ħażna, trattament, esportazzjoni u riċiklaġġ ta' skart ta' batteriji u ta' akkumulaturi, għan-nom tal-produtturi, għandhom bżonn jiksbu permess validu mill-awtorità kompetenti skont dawn ir-regolamenti.". L.S. 504.37

Jemenda r-regolament 24 tar-regolamenti prinċipali.

8. Ir-regolament 24 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) is-subregolament (2) tiegħu għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"(2) Barra minn hekk il-produttur għandu jippreżenta dikjarazzjoni ta' konformità mad-dispożiżżjonijiet ta' dawn ir-regolamenti, lill-awtorità kompetenti sal-31 ta' Marzu ta' kull sena, ffirmata mill-operatur tal-iskema awtorizzata ta' skart, trattament u riċiklaġġ tal-batteriji u tal-akkumulaturi, fir-rigward ta' batteriji u akkumulaturi li tqiegħdu fis-suq ta' Malta mill-produttur bejn l-1 ta' Jannar u l-31 ta' Diċembru tas-sena preċedenti.";

(b) il-paragrafi (d), (e) u (f) tas-subregolament (3) tiegħu għandhom jiġu sostitwit b'dan li ġej:

"(d) jipprovdi lill-awtorità kompetenti informazzjoni dwar kull miżura meħuda biex jippromwovu żviluppi li jaffettwaw l-impatt ta' batteriji u akkumulaturi fuq l-ambjent, prinċiparjament:

(i) żviluppi, inkluż passi volontarji meħuda mill-membri tal-iskema, biex inaqqsu l-kwantitajiet ta' metalli ta' densità għolja u sustanzi perikoluż oħra li jkun hemm f'batteriji u akkumulaturi;

VERŻJONI ELETTRONIKA

(ii) tekniki ġodda ta' riċiklaġġ u ta' trattament;

(iii) il-parteċipazzjoni ta' operaturi ekonomiċi fi skemi ta' maniġġar ambjentali;

(iv) riċerka f'dawk l-oqsma; u

(v) miżuri meħuda biex jippromwovu l-prevenzjoni tal-iskart;

(e) jipprovdi sal-31 ta' Marzu kull sena lill-awtorità kompetenti, l-informazzjoni msemmija fir-regolamenti 14 u 16 kif tapplika *mutatis mutandis* għall-produttur, fir-rigward ta' batteriji u akkumulaturi li tqiegħdu fis-suq ta' Malta mill-produttur bejn l-1 ta' Jannar u l-31 ta' Diċembru tas-sena preċedenti;

(f) jipprovdi sal-31 ta' Marzu kull sena, lill-awtorità kompetenti dikjarazzjoni ta' konformità mad-dispożizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti, fir-rigward ta' batteriji u akkumulaturi li tqiegħdu fis-suq f'Malta mill-produttur bejn l-1 ta' Jannar u l-31 ta' Diċembru tas-sena preċedenti.";

(ċ) is-subregolamenti (4) u (5) tiegħu għandhom jiġu enumerati mill-ġdid bħala s-subregolamenti (6) u (7) rispettivament; u

(d) minnfih wara s-subregolament (3) tiegħu għandu jiżdied dan li ġej:

"(4) L-informazzjoni kollha għandha tingħata f'rapporti kull tliet xhur u annwali. Skema ta' ġbir, trattament u riċiklaġġ ta' skart ta' batteriji u akkumulaturi għandha tippreżenta rapporti kull tliet xhur lill-awtorità kompetenti fi żmien erbgħin (40) ġurnata tax-xogħol wara t-tmiem ta' dak il-perjodu, filwaqt li rapporti annwali għandhom jiġu ppreżentati lill-awtorità kompetenti fi żmien sitt (6) xhur kalendarji mill-għeluq tas-sena.

(5) Skema ta' ġbir, trattament u riċiklaġġ ta' skart ta' batteriji u akkumulaturi għandha tuża s-servizzi ta' awditur indipendenti, approvat mill-awtorità kompetenti, biex l-informazzjoni kollha rappurtata lill-awtorità kompetenti tkun iċċertifikata. Huwa neċċessarju li l-awditur jiċċertifika li l-informazzjoni kolllha rappurtata

VERŻJONI ELETTRONIKA

tkun kif speċifikat fil-permess maħruġ mill-awtorità kompetenti.".

Iżid skeda ġdida fir-regolamenti prinċipali.

9. Minnufih wara l-Iskeda 5 li tinsab mar-regolamenti prinċipali għandha tiżdied l-Iskeda ġdida li ġejja:

"SKEDA 6

Skeda ta' Tariffi għar-Reġistrazzjoni/Tiġdid bħala Produttur

Kategorija ta' Attività	Tariffa (€)
Reġistrazzjoni/tiġdid onlajn għal produtturi ta' batteriji u akkumulaturi	10
Reġistrazzjoni/tiġdid manwali għal produtturi ta' batteriji u akkumulaturi	35".